MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2001

Numru 370/2001

**Il-Pulizija**

(Spettur Joseph Cordina)

**vs**
**Anthony Stivala**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Stivala ta' 44 sena bin Emanuel u Carmela nee' Vella, imwieled tal-Pieta fit-28 ta' Awissu 1956, u li joqghod f'l-indirizz 31, Triq in-Namur, Iklin Lija. Detentur tal-karta ta' l-Identita numru 591956(m).
Talli fis-17 ta' Gunju 1998 ghal habta tal-hdax u kwart ta' filghodu u fil-gimghat precedenti, fil-Gzira u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ghamel uzu xjentament, ta' marki, sinjali,

tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbha, bi ksur ta' l-artikolu 298 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-biegh jew biex jitqassam xi artikoli jew hwejjeg u cioe 'video tapes' bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' awtur ta' persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha , bi ksur ta' l-artikolu 298 B tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuza migjuba kontrih u rega tenna wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni fil-presenza ta' l-Avukat tieghu.

Issibu hati

Rat l-Artikoli 298 (1) u 298 (B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante il-Kondotta nadifa ta' l-akkuzat fil-waqt li ssibu hati tilliberah that il-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m'illum u l-Qorti qed tfisser lill-hati l-import ta' din is-sentenza.

Billi ma gewx mahtura esperti ghax l-akkuzat ammetta, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------